MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 12/2013

**Joseph Portelli**

**Vs**

**Michael Fava u Gianna sive Jeanette Fava.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti ghandom jigi kkundannati ihallsu lilu is-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 2329.27) rapprezentanti sehemhom mill-hlas ghat-tlestija mill-partijiet kommuni tal-Blokk San Leonardo, Triq Victor Denaro Msida, Malta fit-termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha huma eccepew illi t-talbiet tal-konvenuti huma infondati fid-dritt u fil-fatt ; u li barra minn hekk ix-xoghol li kellu jsir ghadu ma sarx a sodisfazzjon taghhom jew skond l-arti u sengha u li l-konvenuti ghaddew biex jiddepozitaw l-ammont pretiz taht l-awtorita tal-Qorti.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din hija wahda minn dawk il-kawzi li bi ftit rieda tajba minn naha taz-zewg partijiet setghet issolviet facilment. Izda jidher illi z-ewgt partijiet ghazlu it-triq li jimpikaw, u jwebbsu rashom. Jidher illi l-konvenuti ma humiex qed jikkontestaw illi huma ghandhom ihallsu sehemhom mil-partijiet komuni anke fl-ammont pretiz. Izda qed joggezzjonaw li jsir il-hlas f'dan l-istadju ghaliex l-partijiet kommuni ghadhom ma humiex lesti ghal kollox.

Jirrizulta illi sad-data li fiha saret il-kawza l-maggor parti tax-xogholijiet kienu saru u kull ma kien jonqos kienu xi affarijeit zghar fosthom l-operat kif suppost tal-lift. Fil-mori gew kompletati dawn in-nuqqasijeit ghajr ghal xi nuqqijiet verament trivjali.

Dan it-tribunal jemmen illi filwaqt illi minn banda wahda kien jispetta illi l-attur jikkonferma illi dak li kellu jsir kellu jkun lest minghajr titubanzi, minn naha l-ohra l-konvenuti kellhom ikunu aktar prattici fid-decizjonijiet taghhom. Ftietaq zejda mhux ser isibu l-barrakka ta' dan it-tribunal, u dan in lineja mal-massima illi de minimis non curat praetor.

Illum li x-xogholijiet huma lesti ghal kollox hlief ghal xi affarijiet verament trivjali li dan it-tribunal jissollecita lil attur sabiex jehles bla dewmien. Jidher illi l-attur jimmerita li jithallas l-ammont minnu mitlub. Dan jista jsir billi tigi zbankata c-cedola ta' depozitu sakemm din tkopri l-amont innier. Altrimenti d-differenza tkun trid tithallas mill-konvenuti.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn kif gia inghad bi ftit buon sens u b'aktar rieda tajba din il-kawza setghet giet evitata, dan it-tribunal jemmen illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjes taghha.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet ta' l-attur; jirrigetta l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; jikkundanna lil konvenuti ihallsu lil attur is-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 2329.27), bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjes kollha huma x'inhuma, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------